DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 161/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li temenda l-Anness XXII (Il-liġi tal-kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2011 tal-1 ta' April 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/485/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Awstralja u tal-Istati Uniti tal-Amerika skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej jidħol wara punt 10fb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/64/UE) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

"10fc. **32010 D 0485**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/485/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Awstralja u tal-Istati Uniti tal-Amerika skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 240, 11.9.2010, p. 6)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/485/UE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' mieghu.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 171, 30.6.2011, p. 25.
([2]) ĠU L 240, 11.9.2010, p. 6.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 161/2011 li tinkorpora d-Deċiżjoni 2010/485/KE fil-Ftehim

"Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/485/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Awstralja u tal-Istati Uniti tal-Amerika skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tittratta r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi. L-inkorporazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."